MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Ġunju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Antoine Borg, iben Anthony,
imwieled San Ġiljan fid-29 ta'
novembru, 1981
u
Tatiana Borg, bint Valentin
Korolkowa, imwielda r-Russja
fil-11 ta' frar, 1972

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, bejn il-25 ta' jannar, 2002 u is-6 ta' frar, 2002, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti

s-setgħa lill-privat loi jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Oxana Mitiouriaeva kontra l-volonta' tagħha, jew xort''ħra taw il-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata liema delitt sar bħala mezz biex Oxana Mitiouriaeva tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
2. talli ħebbew għal l-istess Oxana Mitiouriaeva u ikkaġunawlha ġrieħi ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. P. Farrugia M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' mejju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub (fil-konfront taż-żewġ imputati) –
(a) fl-artikoli 86 u 87(g) tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' lulju, 2002 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Oxana Mitiouraeva waslet Malta fil-25 ta' jannar, 2002 b'titjira minn Moska. Hi sabel jistennewha l-airport l-imputati li ħaduha f'lukanda l-Gżira. Skond ma hi xehdet ġiet Malta biex jitgħallem l-ingliż iżda hi ma kienet miktuba f'ebda skola għal dan il-għan. Din hi l-unika ħaġa li fuqha jaqblu l-imputati u din il-persuna. Min hawn 'l quddiem il-versjonijiet tal-partijiet huma għal kollox konkliġġenti.

Illi, fil-qosor, il-versjoni ta' Oxana Mitiouraeva hi li l-imputati wara li ħallewha toqgħod għal ġurnata f'din il-

lukanda, huma ħaduha f'appartament Buġibba u rieduha li tibda tipprostitwixxi ruħha. L-imputati żammewha sekwestrata f'dan l-appartament mis-26 ta' jannar, 2002 sas-6 ta' frar, 2002. Dak in-nhar hi ħarbet u marret għand il-pulizija u rrapurtat dak li kien ġaralha. Fil-ġranet tas-sekwestru tagħha, kull
fil-għaxija kienu jiġu l-imputati u billi hi ma ried ikollu xejn x'jaqsam mal-prostituzzjoni u jsawwtuha. Mix-xhieda tagħha jirrizulta li matul il-lejl ċertu Ovidio, raġel ta' nazzjonalita' rumena kien jorqod fl-appartament u ma kiemitx tista' taħrab. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata kellha tbenġil fuq il-persuna tagħha u black eye iżda hi ġenerikament xehdet li dawn il-feriti għamluhomlha l-imputati u darba Ovidio.

Illi minn naħa tagħhom l-imputati taw versjoni djametrikament opposta. Huma xedu li meta waslet Oxana Mitiouraeva kienet fis-sakra u ħaduha l-lukanda. L-għada
l-imputata marret il-lukanda u wara li Oxana Mitiouraeva qaltilha li ma kellhiex flus fuqha, hi riedet li l-imputati jsibulha raġel jew irġiel biex tkun jista' taqla l-flus magħhom.

Illi hawnhekk tidħol il-figura ta' dan Ovidio li meta l-pulizija riedu jieħdu passi kontra tiegħu, Oxana Mitiouraeva qaltilhom biex ma jieħdu ebda passi kontra tiegħu. L-imputati stqarrew li kienu ltaqgħu ma dan ir-raġel u talli kienu ressqulu lil din
il-mara hu kien ser itihom Lm250. Iżda meta bdiet din il-kawża dan ir-raġel ma nstabx u għalhekk ma offriex ix-xhieda tiegħu. Skond l-imputati, l-appartament ta' Buġibba kien mikri minn Ovidio. Dan il-fatt kien ikun ferm importanti biex jiġi stabbilita l-veraċita' ta' dan il-fatt o meno.

Illi ż-żewġ versjonijiet huma għal kollox konfliġġenti u fil-fehma ta' din il-Qorti hemm tlett fatturi favur l-imputati. Fl-ewwel lok Ovidio kellhu jiġi nvestigaw u miżmum mill-pulizija għaliex seta' jirrizulta li hu seta' abbuża minn Oxana Mitiouraeva għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fit-tieni lok, ma tressqet ebda prova biex jiġi stabbilit minn

kera l-appartament ta’ Buġibba.  Fit-tielet lok, kien ikun interessanti li jitressqu bħala xhieda l-impjegati tal-lukanda li kienu jitfgħu dawl fuq il-komportament ta’ Oxana Mitiouraeva.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti kkonflitt fil-provi għandu jmur favur l-imputati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------